**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Mejju, 2017**

**Talba Nru: 167/2016PA**

**Psaila Emanuel kif ezercenti n-negozju bl-isem EGM Psaila**

**vs**

**Tabone Michael**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-6 ta' Mejju 2016 li permezz tiegħu l-attur premetta li bil-mezz tad-ditta tiegħu EGM Psaila, huwa jippresta servizzi u xogħol tal-ġebel, trasport tal-ġebel u affarijiet anċillari; li l-konvenut qabbad lill-attur jipprestalu xogħol simili; li kif jindika l-*fee note* datata 11 ta' April 2015, l-attur ippresta servizzi u xogħol lill-konvenut fl-ammont ta' elf, disa' mija, sebgħa u sebgħin Ewro u disa' ċentemi (€1,977.09ċ), li minnhom tħallsu tlett mitt Ewro (€300) akkont; u li minkejja li kien interpellat diversi drabi sabiex iħallas il-bilanċ rimanenti, il-konvenut baqa' inadempjenti. Għaldaqstant, l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu l-bilanċ ta' elf, sitt mija, sebgħa u sebgħin Ewro u disa' ċenteżmi (€1,677.09ċ), bl-imgħax mid-data tal-*fee note* sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, konsistenti f'żewġ ittri legali interpellatorji datati rispettivament 25 ta' Frar 2016 (fol. 2) u 12 ta' Awissu 2015 (fol. 3), u fattura datata 11 ta' April 2015 maħruġa lill-konvenut, li fiha hemm spjegat il-fornituri u s-servizzi mogħtija, u l-ħlas li laħaq sar akkont (fol. 4).

Ra li minkejja li kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, il-konvenut ma ppreżentax Risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda tal-attur fl-udjenza tad-19 ta' April 2017 li fiha kkonferma bil-ġurament tiegħu li l-ħlas mitlub bil-kawża għadu dovut lilu mingħand il-konvenut sallum.

Jidhirlu li t-talba tal-attur tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf, sitt mija, sebgħa u sebgħin Ewro u disa' ċenteżmi (€1,677.09ċ), bl-imgħax mill-11 ta' April 2015 data tal-fattura sad-data tal-ħlas.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**